**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri**

**It-Tmien Leġislatura**

## Laqgħa Nru. 49

l-Erbgħa 31 ta' Mejju, 2023

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Sinjura Lucienne Haber - Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 49.1 Talba

Il-laqgħa nbiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Daniel Attard.

## 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

49.2.1Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

49.2.2. Il-kunsillier Salvu Felice Pace qajjem xi punti dwar il-laqgħa ta' qabel. Huwa rrefera għal fatt li l-project manager kien stqarr li l-kuntrattur kellu jibda x-xogħolijiet fi Triq Wied Sara fil-ġimgħat li ġejjin iżda s'issa għadu ma nbeda xejn.

49.2.3. Il-Kunsillier Salvu Felice Pace staqsa dwar x'ġara mil-laqgħa li kellna norganizzaw mal-pubbliku . Is-Sindku wieġeb li jkun xieraq li l-laqgħa ssir meta jiġi appuntat is-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid.

## 49.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

49.3.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 49.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

49.4.1. Is-Sindku Daniel Attard irrefera għal fatt li l-Kapillan preżenti ser itemm il-mandat tiegħu. Huwa spjega kif dejjem ħdimna tajjeb ħafna flimkien u jixraq li nagħtuh rikonoxximent. Sar qbil li għandu jingħata t-tifkira magħmula mill-ġebla maltija u tiġi ppreżentata lilu waqt l-attivita' tal-games fil-jiem ta' qabel il-festa.

49.4.2. Is-Sindku Daniel Attard irrefera għaż-żjara personali li kellu f' villaġġ ċkejken u pittoresk taljan Longobucco fil-Calabria. Huwa fisser li l-karetteristiċi ta' dan il-post jixbħu ħafna lil dawk tal-Għasri u li r-residenti huma tassew dħulin. Huwa ltaqa' mas-Sindku tal-post Giovanni Pirollo u wera nteress kbir li nibdew xi tip ta' ħbiberija. Sar qbil li għandna nibdew kuntatt billi nistiednu delegazzjoni żgħira għall-attivita' tagħna Traditions: Olive Oil, Wine & Honey li ser tinżamm fit-23 ta' Settembru 2023.

49.4.3. Is-Sindku Daniel Attard irringrazzja lil Marvic Attard talli offriet li tkompli tiftaħ l-uffiċju waħidha l-ġurnata kollha fl-assessenza ta' Segretarju Eżekuttiv. Sar qbil li għandna nistħarrġu jekk tistax tinħareg call interna għall-uffiċjal full time.

49.4.4. Is-Sindku Daniel Attard għamel referenza għall-fatt li l-ħaddiem Spiro Farrugia juża l-vettura privata tiegħu sabiex jinġarr il-materjal waqt il-ħin tax-xogħol. Huwa spjega kif dan kien jinħtieġ li jagħmel servizz lill-vettura tiegħu li jiswa għal madwar €900. Il-Kunsill qabel li b'apprezzament għas-servizz li offra għal tul ta' snin għandu jħallaslu dan il-kont ta' darba.

49.4.5 Is-Sindku Daniel Attard irrefera għall-proġett ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq il-Ġonna. Is-

Sindku ssuġġerixxa li għandna nibqgħu tilgħin it-triq kollha bil-ħitan tas-sejjieħ fuq iż-żewġ naħat biex jiġu pariġġ. Il-Kunsill qabel ma' dan.

49.4.6 Is-Sindku għamel referenza għall-ġebel li tpoġġa f'għalqa mill-kuntrattur Gatt sabiex jibni l-ħitan tas-sejjieħ. Huwa saħaq li huwa mportanti li din l-għalqa titnaddaf mill-kunttattur appena jintemmu x-xogħolijiet.

## 49.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

49.5.1. Il-kunsillier Sammy Saliba ressaq it-talba għall-bankina temporanja quddiem residenza fi Triq il-Knisja. Sar qbil li għandna nressqu t-talba lil-Ministeru għal Għawdex.

49.5.2. Il-kunsillier Sammy Saliba rrefera għall-fatt li l-cleaner tal-Kunsill għadha mpjegata bil-€5 is-siegħa. Sar qbil li dan huwa ferm anqas mir-rata tal-paga minima u għandna tingħata r-rata ta' €7 is-siegħa.

49.5.3. Il-kunsillier Salvu Felice Pace talab sabiex l-ħajt ta'wara l-knisja jogħla b' filata . Sar qbil li dan ix-xogħol ser jieħu ħsiebu l-Ministeru għal Għawdex.

49.5.4 Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff irrefera għal biċċa triq minn Wied il-Għasri li tinsab maqluha u jinħtieġ major patching. Sar qbil li għandna nagħmluha jew bil-kuntratt preżenti li għandna mar-Road Construction billi nitolbuh stima jew inkella billi nużaw il-kuntratt tal-handyman tal-Kunsill bil-għajnuna tal-ħaddiema tal-kunsill.

49.5.5. Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff talab ukoll sabiex nikkuntattjaw lill-istess kuntrattur Gatt sabiex iwessa' fetħa fi Triq il-Ġonna fejn hemm dar mibnija. Sar qbil li għandu jurih eżatt fejn is-sid tal-għalqa. ( Raymond Saliba.)

49.5.6. Il-kunsillier Sammy Saliba għamel referenza għal periklu li qed jiġi kkaġunat permezz ta' parkeġġ li qed isir f'kantuniera fi Triq il-Fanal kantuniera ma' Triq Għammar. Is-Sindku rrimarka li jkun xieraq li napplikaw għal tow zone f'din l-area ma' Transport Malta.

49.5.7. Il-kunsillier Sammy Saliba talab sabiex ħdejn il-Playing Field issir kurduna madwar it-triq u l-ħitan u nirrangaw it-triq ta' wara l-knisja peress li saret ħsara biex għaddew l-inġenji u jrid jitranġa. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lill-Perit tal-proġett.

49.5.8. Sammy rrefera ghal hajt tas-sejjieh li jrid jitranga fi Triq il-Gallina.

## 49.6 Korrispondenza

49.6.1. Ġiet trattata l-ispezzjoni li saret lil-librerija pubblika u saret referenza għall-iskema tal-libreriji li ser tkun tinkludi biss servizz ta' manutenzjoni bi spejjes tal-Kunsill.

49.6.2. Ġiet trattata l-email mingħand William Sultana rigward Amministrazzjoni ta' Proprjeta' Pubblika. Il-Kunsill iddiskuta l-materja rikjesta u qabel li għandu jibgħat it-tweġiba Nil peress li m'hawnx proprjeta pubblika.

49.6.3. Ġiet trattata l-email mingħand Portelli Ramona tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Magni tal-EPOS fil-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal dan is-servizz.

49.6.4. Ġiet trattata l-email mingħand is-Sur Mario Gatt ta' Gatt Construction rigward it-terminazzjoni tax-xogħolijiet skond il-kuntratt numru Contract GSR/01/2022.

49.6.5. Ġiet trattata d-deċiżżjoni tal-applikazzjoni PA 5089/22 biex jinbena store agrikolu u reservoir fi Triq il-Fenek l-Għasri. Ittieħdet votazzjoni jekk issirx appell għal din l-applikazzjoni u rriżulta b'żewġ voti favur u tlett astinazzjonijiet. Sar qbil li għandna nieħdu parir legali mingħand id-Direttur Generali tal-Gvern Lokali u nipproċedu minn hemm.

49.6.6. Ġiet trattata l-email mingħand l-Animal Welfare rigward laqgħa ta' konsultazzjoni rigward l-iskema l-ġdida tal-LC Care.

49.6.7. Ġiet trattata l-email mingħand il-Gozo Action Group fejn talab lill-Kunsilli Lokali jissapportjaw l-applikazzjoni tagħhom għall-fondi tal-Unjoni Ewropeja. Sar qbil li għandna nissapportjawhom.

49.6.8. Ġiet trattata l-approvazzjoni għal swimming zone f'Wied l-Għasri. Il-ħbula jistgħu jiġu nstallati b'effett immedjat u mneħhija mhux aktar tard mis-Sibt 30 ta' Settembru 2023. Is-Sindku Daniel Attard propona li għandna noġġezzjonaw għal dawn il-points u nitolbuhom is-safety plan biex waslu għal din id-deċiżżjoni.

49.6.9 Sar qbil li għandna niċċekjaw mar-Reġjun Għawdex x'għad fadal bilanċ allokat għal Għasri fl-iskema tal-Kultura.

49.6.10. Sar qbil ukoll li għandna niċċekjaw mal-ERA sabiex jipprovdulna l-bilanċ tad-Develoopment Planning Fund u naraw jekk bini ta' ħitan tas-sejjieħ jikkwalifikawx taħt dan il-fond.

## 49.7 Management Letter

49.7.1. Ġiet diskusssa l-Management Letter u l-Kunsill innota b'sodisfazzjon li ma kienx hemm problemi. Sar qbil li għandha ssir risposta tagħha.

## 49.8 Festa 2023

49.8.1. Is-Sindku spjega kif għall-festa jinħtieġ li napplikaw ma' Transport Malta biex nagħlqu t-Triq Dun Karm Caruana u l-Pjazza nhar is-Sibt u l-Hadd 10 u 11 ta' Ġunju. Sar qbil ukoll li għandna nitolbu għall-Mechanical Sweeper tal-EcoGozo sabiex tiġi tiknes nhar il-Hadd u t-Tnejn tal-festa kmieni filgħodu bil-għajnuna tal-ħaddiema tal-Kunsill.

49.8.2. Il-Kunsill qabel li għandu iħallas ġelat lit-tfal preżenti waqt l-attivita' tal-Pulizija.

**49.9 Festa tal-Pulizija**

49.9.1. Saret referenza għal din l-attivita' li għaliha ser ikunu preżenti l-Pulizija tal-Kommunita' permezz ta' dimostrazzjoni kif ukoll it-tim tas-Civil Protection. Din ser issir nhar il-Hadd 4 ta' Ġunju 2023 filgħodu.

**49.10 Sejħa għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv**

49.10.1. Sar qbil li għandna nibdew immedjatament il-proċess tal-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv billi navżaw lid-Direttur Ġenerali biex jibda l-proċess.

**49.11 Materji oħra**

49.11.1. Ġie diskuss il-proġett tal-Playing field u x'inhu l-proċess li jmiss. Is-Sindku spjega li jonqos gate tal-ħadid, bins tar-recycling, żewġ bankijiet, u sett ta' sinjali nformattivi. Is-Sindku talab li peress li għalissa għadu mhux lest l-aħjar li ssir tabella 'No entry'.

49.11.2. Sar qbil li għandna nikkuttjaw lil Malta Playing Fields Organisation sabiex tiċċertifika l- Playing Field biex ikun jista jintuża.

49.11.4. Sar qbil li għandna nipprintjaw t-shirts lill-ħaddiema tal-Kunsill sofor jew ħodor bl-arma tal-Kunsill fuq wara.

49.11.5 Saret referenza għal-laqgha li l-Kunsill kellu mal-Ministru għal Għawdex rigward il-proposta ta' devoluzzjoni ta' biċċa art tal-gvern fi Triq il-Fanal biex tinbena f'Ċentru Civiku u picnic area. Il-Ministru qabel mal-kuncett u propona li għandna noħorġu kompetizzjoni għall-istudenti tal-arkitettura biex joħorġu bl-aħjar proposta permezz ta' mudell 3D. Il-Ministru offra li l-Ministeru għal Għawdex jidħol għall-proġett kif ukoll għall-permessi tal-Planning u mal-Lands għall-akkwist tal-art. Sar qbil li jekk ikollna l-mudelli f'idejna għandna ninkluduhom fl-attivita' ta' Traditions billi nagħmlu wirja bihom. Sar qbil li għandna nibgħatu lil Ministru għal Għawdex li nagħtu kunsens li jwettaq il-proġett b'agreement mal-Kunsill.

49.11.6. Sar qbil li għandna ninsistu mal-kuntrattur Road Construction sabiex ix-xogħolijiet fi Triq Wied Sara jinbdew.

49.11.7 Sar qbil li għandna niġbru stimi ta' leasing ta' Photocopier/ printer bil-kulur .

49.11.8 Għall-attivita' Traditions li ser issir nhar is-Sibt 23 ta' Settembru , sar qbil li għandna ntellqu l-preparamenti billi ssir laqgħa mal-voluntiera tal-festa, biex nikkonfermaw jekk aħniex ser nerġgħu naħdmu ma' Ta' Mena, nibbukjaw il-palk u stands, niġbru stimi tas-sound u quotations tad- dawl. Sar qbil li għandna nistħarrġu għal xi band oħra apparti The Cash and Band li diġa huma bbukjati kif ukoll nibbukjaw preżentatur tas-serata. Sar qbil ukoll li niċekjaw ma' Mike u Lydon jekk jiġux jagħtu performance tagħhom. Sar qbil ukoll li għandna nagħtu spazju lit-talent lokali Għasri.

49.11.9. Saret referenza għal-laqgħa li saret mal-Pulizija. Huma spjegaw kif ir-rapport tas-CCTVs sar u għandna napplikaw għall-iskema. Sar qbil li għandna nikkonfermaw siteplan fejn ser isiru. Talbu wkoll sabiex nagħmlu talba għal refreshing tas-sinjal abjad fi triq il-ġdida fid-daħla tal-Għasri biex isir qabel il-festa.

49.11.10 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta fi Triq Wied Sara biex jinbena ħajt. Sar qbil li għandna ngħaddu t-talba tagħha.

49.11.11. Ġiet trattata l-ħtieġa tal-ordni tal-istickers tal-van. Sar qbil li għandna nimxu mal-orħos waħda u naraw jekk jaqdinix fi żmien qasir.

## 49.12 Approvazzjoni tal-Pagamenti

49.12.1 Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 8-49 minbarra l-pagament ta' Gokker Ltd. Sar qbil li għandna nitolbuh jagħtina breakdown tal-kont.

## 49.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

49.13.1. Il-laqgħa ntemmet fid9:30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 15 ta' Ġunju 2023 fl-4:00pm.

**Dr. Daniel Attard**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**